**Fil-Qorti tal-Appell**

Appell numru: XX/XXX/XXX
Mhux appuntat

AP (K.I. XXX)

*vs*

MP (K.I. XXX)

**Risposta tal-appell u appell incidentali ta' MP (K.I. XXX)**

Tesponi bir-rispett,

Illi s-sentenza appellata hija sostanzjalment gusta (salv ghal dak li qed jintalab fl-appell incidentali tal-esponenti) u timmerita konferma filwaqt li l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Illi jigi dikjarat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-esponenti, hi generalment sodisfatta bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-XX XX XX fl-ismijiet fuq premessi hlief dwar il-pretensjoni ta' l-attur għall-kumpens għal tkeccija ngusta kontra XYZ Ltd quddiem it-Tribunal Industrijali stante zviluppi u ghalhekk prevja li twiegeb ghall-appell interpost mill-appellant, se tipproponi l-opportun appell in via incidentali;

**Dwar l-appell interpost mill-appellant**

Illi dwar l-aggravji mressqa mill-appellant, l-esponenti tissottometti dan li gej:

*Dwar L-Ewwel Aggravju – Il-Htija ghat-tkissir taz-zwieg*

Illi jirrizulta li dan l-aggravju jitratta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti;

Fil-kuntest ta' apprezzament tal-provi ghandu jinghad li dan m'ghandhux jigi ddisturbat facilment. Din l-Onorabbli Qorti kellha l-opportunita li telabora dan il-principju f'ghadd ta' sentenzi fosthom fis-sentenza fl-ismijiet "Perit John M. Gambina *vs* Fithome Ltd" deciza nhar is-6 ta' Mejju 2011 fejn irriteniet:

> Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirrileva li, kif stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Frendo *et* vs Agius *et*" tas-7 ta' Ottubru, 2008, u diversi sentenzi ohra, illi huwa principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' Revizjoni, bhala regola ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. **Infatti huwa principju stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-ewwel istanza jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha**. Il-Qorti tal-Appell, bhala norma tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ikun jidhrilha, wara ezami akkurat tal-provi li tkun ghamlet, li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat b'mod li jekk jithalla jibqa' jregi tkun sejra ssir ingustizzja ma' xi parti jew ohra.

*i. L-Azzjoni principali tal-Appellanti*

Illi parti minn dan l-aggravju jitratta dwar l-azzjoni principali tal-appellant fejn isostni li l-ewwel Qorti kellha taghti piz ghall-komportament tal-konvenuta tul is-seduti stante li din kienet l-attitudni li wasslet ghat-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti;

Illi l-appellant jghid li l-perit legali jiddedika paragrafu shih fuq l-imgieba tal-appellata. Ta' min jinnota li dan il-paragrafu ma jirreferix biss ghall-imgieba tal-esponenti izda anki ghall-imgieba tal-appellant waqt is-seduti. Il-perit legali f'punt 3.41 tar-relazzjoni tieghu jghid:-

> Illi l-esponenti jixtieq jaghmilha cara illi fl-ezercizzju li se jsegwi, huwa injora ghal kollox dak li gara matul is-seduti peritali, u dan da parti ta' **entrambi l-kontendenti**.

> L-esponenti huwa tal-fehma li aktar ghaqli li jsir hekk ghaliex dak li sehh fil-mori tas-seduti peritali ma jistax jitqies bhala mezz ta' prova affidabbli b'mod li jincidi fuq id-determinazzjoni tal-htija tal-kontendenti, u dan kemm ghaliex ovvjament il-htija trid tigi determinata abbazi tal-fatti li pprecedew il-kawza, u kemm ghaliex l-imgieba tal-**kontendenti** matul l-istess seduti – deplorevoli kemm hi deplorevoli – tista' tkun il-frott u l-prodott tal-angoxxa u t-tbatija li s-separazjoni tista' tohloq

Illi mill-paragrafu citat huwa car li l-perit legali skarta l-imgieba taz-zewg partijiet waqt is-seduti sabiex jista' jirrelata b'oggettiva dwar il-mertu tal-kawza;

Illi stante li l-appellant jaf sew li l-htija ghat-tkissir taz-zwieg hija tieghu, huwa qieghed jittenta jiggranfa ma' xi haga sabiex ikun jista' jsejjes l-appell tieghu. Forsi huwa minnhu li xi drabi l-imgieba tal-esponenti matul is-seduti ma kienetx mill-ahjar izda dan l-agir kien sforx il-proceduri stess li bdew jifthu mill-gdid il-feriti taghha kkawzati mill-appellant. Izda l-agir tal-esponenti matul xi seduti isolati certament ma jfissirx li din kienet l-imgieba taghha matul iz-zwieg, hekk kif wara kollox jirrizulta ukoll mill-provi;

Illi mill-provi esebiti matul il-proceduri jirrizulta li l-esponenti qatt ma kkommetiet atti klassifikabbli bhala sevizzi fil-konfront tal-appellant. Dan huwa minnhu tant li l-appellant stess naqas milli jipproduci provi sabiex jossostanzjaw din l-allegazzjoni tieghu;

*ii. Adulterju*

Illi fis-sentenza tal-ewwel Qorti, dwar l-adulterju tal-appellant irrimarkat:-

> Mhux kontestat mill-attur illi huwa ghandu relazzjoni intima ma' certu JG, xhud f'dawn il-proceduri. L-attur jinsisti illi ghalkemm kien jafha minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali f'XX XXXX, huwa beda relazzjoni

intima maghha **f'XX tal-istess sena** [XXXX], u cioe' xahrejn wara li telaq mid-dar.

Il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-attur f'dan ir-rigward. Meta wiehed jifli l-provi imressqa sew dwar l-abbandun da parti tal-attur kif ukoll dwar l-adulterju tal-attur isib kontradizzjoni netta illi tkisser il-kredibilita' tal-attur f'dan ir-rigward.

L-attur jaqa' f'kontradizzjoni netta meta fl-ewwel lok jixhed illi meta telaq mid-dar matrimonjali huwa ma riedx jabbanduna l-familja izda li kien kostrett jitlaq u kien il-bdil tas-serratura tad-dar matrimonjali XX-il xahar wara li kkontribwixxa ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet; u fl-istess nifs jammetti illi xahrejn biss wara li telaq mid-dar matrimonjali kien diga f'relazzjoni intima ma' JG liema relazzjoni ghadu fiha sallum.

Illi huwa propju minn dak li xehed l-appellant stess partikolarment meta saret riferenza ghaz-zminijiet minfejn jirrizulta li huwa hati ta' adulterju. Ghaldaqstant mhuwiex minnhu dak li qed jghid l-appellant u cjoe li m'hemm l-ebda prova dwar l-adulterju;

*iii. L-Abbandun*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant telaq mid-dar matrimonjali fil-XX XX XX. L-esponenti bidlet is-serratura sena u xahar wara, fil-XX XX XX. Meta l-appellant telaq mid-dar matrimonjali mhuwiex minnhu li huwa ma setax imur lura peress li s-serratura giet mibdula. Din hija skuza fqira li qieghed jipprova jistrieh fuqha stante li l-appellant qatt ma rritorna fis-sena u xahar qabel ma nbidlet is-sellatura;

Illi li kieku l-appellant ried verament jirritorna lura fid-dar matrimonjali mal-esponenti u wliedhom, ma kienx jibqa' f'relazzjoni ma' JG sal-lum;

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju ghandu jigi michud;

*It-Tieni Aggravju – Manteniment*

*i. Lil min ghandu jithallas il-manteniment ghall-ulied*

Illi jirrizulta li wlied il-kontendenti llum il-gurnata huma studenti *full-time* li qabzu t-tmintax-il sena izda li ghandhom ma ghalqux it-tlieta u ghoxrin sena u jghixu b'mod permanenti mal-appellata;

Illi skont l-Art. 19 tal-Kap. 16, fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni. Mix-xhieda tal-appellata quddiem l-ewwel Qorti hija kkonfermat li hi tiehu hsieb kollox fid-dar sabiex uliedha jkunu jistghu jikkofaw fuq l-istudju. Gjaldarbda ulied il-kontendenti huma dipendenti fuq l-esponenti, ikun floku li l-manteniment ghall-ulied jithallas lilha. F'kaz ipotetiku li ulied il-kontendenti jkunu jghixu ghal rashom, ikun jaghmel sens li li l-manteniment jithallas direttament lilhom izda gjaladarba ghandhom jghixu mal-esponenti u ghadhom dipendenti fuqha ghal kollox inkluz ghall-ghixien taghhom, il-manteniment taghhom ghandu jkun dirett lilha. L-esponenti ma tistax tifhem il-ghaliex l-appellant qieghed joggezzjona ghal dan meta uliedhom stess jistghu jikkonfermaw li l-esponenti ma thallihom neqsin minn xejn;

*ii. Il-Manteniment ghall-appellanta*

Illi taht dan is-sub-inciz l-appellat isemmi l-kwistjoni tal-impjieg tal-esponenti. Ibda biex ghandu jinghad li mhuwiex minnhu li l-appellanta qed tirrifjuta li ssib impjieg. Pjuttost hija xehdet f'XX XX li fix-xhur ta' qabel hija kienet sabet xoghol bhala *promoter* izda minhabba li ulied il-partijiet ghadhom jistudjaw u thallihom jiffokaw fuq l-istudji taghhom, ma bdietx tlehhaq mad-dar u mat-tfal u ghalhekk kellha tieqaf;

Illi mill-atti prezentati mill-appellant fil-proceduri quddiem l-ewwel qorti u anki permezz ta' dan l-appell hi cara li l-intenzjoni tal-appellant hi li hu ma jrid jaghti xejn lill-appellata u dan wara li huwa

kisser familja u abbanduna lil martu u lil uliedu. Jigi rilevat li l-appellat ilu ma jhallas il-manteniment dovut lill-esponenti ghal dawn l-ahhar sitt xhur minkejja l-introjtu elevat li jippercepixxi;

Illi huwa stat ta' fatt li l-appellata kienet waqfet tahdem biex trabbi lill-ulied il-kontendenti u ghamlet minn kollox sabiex l-appellant ikompli jahdem u jistudja u javvanzja fil-karriera tieghu. Johrog car illi llum il-gurnata l-attur avvanza sew fil-karriera tieghu u qieghed jokkupa kariga gholja. Is-sagrificcju li ghamlet l-esponenti fil-passat sabiex l-appellant jirnexxi fil-karriera tieghu, illimita ferm lill-esponenti fl-izvilupp tal-karriera taghha fix-xoghol li tista' taghmel. Dan flimkien man-nuqqas ta' hila fl-ezercizzju ta' professjoni, arti jew sengha maghdud mal-fatt li hija llum ghandha kwazi hamsin sena jippregudika ferm il-potenzjal li ssib impjieg adegwat;

Illi l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Catherine Bartolo *vs* Joseph Bartolo deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Settembru 2011 fejn gie osservat li l-appellanta f'dan il-kaz kienet ghadha ta' eta zghira u ghandha potenzjal li ssib impjieg ghaldaqstant gie deciz li ma kienx hemm lok ta' manteniment. Mill-atti processwali ta' din is-sena jirrizulta li meta nghatat is-sentenza minn din l-Onorabbli Qorti l-attrici f'dan il-kaz kellha XX sena u mhux XX sena bhall-esponenti. Ghaldaqstant din is-sentenza m'ghandhiex rilevanza ghall-kaz odjern;

Illi hekk kif sew qalet l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet "Joanne Tabone *pro et noe vs* Jesmond Tabone" deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, il-hlas tal-manteniment huwa stabbilit in omagg tal-principju li l-parti li tkun hatja fiz-zwieg jkollha tipprovdi ghall-manteniment tal-parti l-ohra u l-istess ghandu jsir fil-kaz odjern;

Illi dwar il-paragrafu numru 23 fir-rikors tal-appell, ghandhu jinghad li in vista tad-djun fuq il-komunjoni tal-akkwisti, sehem l-attrici huwa ferm inqas minn LmXX (€XX);

Illi dwar l-ahhar paragrafu fir-rikors tal-appell dwar li l-ewwel Qorti naqset milli taghti hjiel tal-kundizzjonijiet tal-manteniment bhal per ezempju x'ser isir meta l-obbligat jilhaq l-eta pensjonabbli, l-appellant ghandu rimedji li jikkawtelaw tibdil fic-cirkostanzi. Fost dawn ir-rimedji huwa jista dejjem jaghmel rikors sabiex ivarja l-manteniment fil-mument opportun. Ghaldaqstant huwa inutli li jirrikorri ghall-proceduri tal-appell u jitlob in-nullita tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Fuq kollox dan hu punt ipotetiku. Tenut kont tal-professjoni tal-appellant wiehed ma jistax jassumi li dan ser jirtira hekk kif lehaq l-eta pensjonabbli. Dan ghandu jigi evalwat fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Camilleri *vs* Emmanuel Calleja" deciza fl-20 ta' Jannar 2003 li tghid li n-nullita tas-sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta. Dan il-principju huwa rifless ukoll fl-Art. 790 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

> Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq

Ghaldaqstant it-tieni aggravju ghandu jigi michud;

*It-Tielet Aggravju – Likwidazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

*i. It-terminu tal-bejgh in licitazzjoni*

Illi dwar il-*penthouse* u l-garaxx gewwa s-Swieqi huwa minnhu li l-kontendenti fil-XX XX XX dahlu f'konvenju sabiex tinbiegh din il-propjeta. Dwar il-bejgh tal-istess propjeta, l-ewwel Qorti ordnat:-

> Id-dar konjugali bil-mobbli ta' ġewwa fiha u l-garaxx sotterran għandhom jinbiegħu mill-kontendenti fis-suq miftuħ, u għal dan il-għan qed jinghata terminu ta' sentejn millum. F'kaz li t-terminu jiddekorri minghajr ma jkun sar il-bejgh fis-suq liberu, kull parti tista' titlob in-nomina ta' perit arkitett sabiex jaghti stima, u eventwalment issir it-talba ghall-bejgh b'licitazzjoni. Ir-rikavat tal-bejgħ għandu jinqasam f'ishma ugwali bejn il-kontendenti wara illi jitħallas il-passiv kollu tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-appellata ma tistax tifhem ghaliex l-appellant irid li jigi ridott it-terminu ta' sentejn gjaladarba l-kontendenti sabu l-bejgh ta' din il-propjeta u dahlu f'konvenju. Il-probabilita li l-propjeta tinbiegh b'licitazzjoni gie ferm ridott u ghal din ir-raguni l-esponenti topponi ghal din it-talba. Certament ma kienx hemm bzonn li jigi ntavolat appell sabiex jigi ridott dan it-terminu u b'hekk jigu nkorsi spejjez inutli;

Illi inoltre jekk il-partijiet ser jirrikorru ghall-bejgh b'licitazzjoni, ser jikbru l-ispejjez gudizzjarji u dan ser ikompli jnaqqar mill-qliegh li diga ser ikun wiehed ridott in vista tal-passiv gravanti l-komunjoni li ghandu jithallas hekk kif isir il-bejgh. Fl-eventwalita li l-bejgh kontemplat fil-konvenju ghal xi raguni ma jsirx, it-terminu ta' sentejn jaghti lill-partijiet cans isibu xerrej iehor u b'hekk jigu evitati spejjez u proceduri inutli;

*ii. L-oggetti mobbli*

Illi fir-rigward tal-valur tal-oggetti mobbli ta' €XX li qed isemmi l-appellant, ghandu jinghad li din il-valutazzjoni m'ghadhiex tirrifletti l-valur attwali tal-oggetti mobbli fis-suq stante li l-istima saret fl-XX, cjoe XX snin ilu. Fuq kollox dan l-ammont kien jirrifletti l-ispiza mhux il-valur. Ghaldaqstant dan l-ammont ghandu jigi ttemprat in vista tad-deprezzament tal-affarijiet;

Illi l-appellant huwa ferm selettiv f'dak li kkwota fil-konvenju. Partikolarment naqas milli jinkludi f'dan ir-rikors li il-klowsola 1A tal-konvenju li tghid:-

> The penthouse which is being sold is better described outlined in colour red on the annexed plan marked as Document "X". **Included in the sale is a fully fitted kitchen with appliances which include an oven and 3 airconditionin units in the bedrooms**

Illi in vista ta' dan, il-valur tal-oggetti li ser jghaddu ghand ix-xerrej bhalma huma l-kcina u l-appliances ghandhom jitnaqqsu mill-valur kumplessiv tal-oggetti mobbli stante li parti mill-oggetti ser jinbieghu lix-xerrej;

Illi dwar il-bqija tal-ghamara l-intendiment bejn il-kontendenti kien mod iehor kif se jirrizulta fil-mori;

*iii. Dwar il-hlas tal-passiv*

Illi l-lanjanza tal-appellant hija partikolarment diretta ghall-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tordna lill-esponenti tirrifondi nofs l-ammonti kollha mhallsa mill-appellant kontra l-passiv bankarju tal-komunjoni tal-akkwisti favur il-Banif Bank plc. Huwa jikkwota s-sentenza Armeni *vs* Armeni fejn din l-Onorabbli Qorti **in vista ta' qbil bejn il-partijiet** ordnat lill-konvenut ihallas nofs l-ammont li kienet hallset l-attrici;

Illi fis-seduta tal-XX XX XX intiza ghall-eskussjoni tal-perit, l-appellant qajjem din l-istess kwistjoni fil-mistoqsija numru 23.1. Il-mistoqsija u t-twegiba tal-perit legali jghidu hekk:-

> 23.1 Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet u Armeni Susan v. Armeni Leonard, (Citazz. 122/2008) citata mill-Perit Legali stess fir-relazzjoni, il-Qorti talAppell akkoljiet aggravju tal-appellanti u ordnat lillappellat jiffifondi lill-appellanti sehemu mill-hlasijiet

> kollha maghmula minnha akkont tal-passiv bankarju talkomunjoni tal-akkwisti, liema hlasijiet saru tul il-proceduri gudizzjarji. Jaqbilx il-Perit Legali li dan linsenjament ghandu japplika ghall-kaz odjern?
>
> Jiena ergajt [*sic*] is-sentenza Armeni kontra Armeni u jekk mhux sejjer zball kif fhimtha jien, il-Qorti akkoljiet dik il-parti tal-aggravju ghax irrizultala illi kien hemm ftehim verbali f'dak is-sens u dik kienet ir-raguni ghalfejn laqghet l-aggravju u in fatti f'aspetti ohrajn u f'partiti ohrajn li fuqhom kien hemm aggravji mill-appellant f'dik ilprocedura, il-Qorti kienet ikkusidrat li la l-hlas sar millkomunjoni, l-komunjoni hallset affarijiet tal-komunjoni u waqfet hemm, jigifieri dik hija t-twegiba tieghi.

Illi minn dak li xehed il-perit legali huwa evidenti li l-konvenut gie ordnat ihallas in vista tal-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet. Fil-kaz odjern ma ntlahaq l-ebda ftehim u l-passiv tal-komunjoni beda jithallas minn assi li jappartjenu lill-komunjoni stess. Ghaldaqstant sehem l-appellata huwa diga mhallas;

*iv. Dwar il-poloz ta' assigurazzjoni*

Illi dwar dan il-punt, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti naqset li tassenja formalment l-istess poloz lill-appellant fl-elenku minnha maghmul f'pagni 37 u 38 tas-sentenza appellata;

Illi r-rimedju li kellhu a disposizzjoni tieghu l-appellant dwar din il-kwistjoni ma kienx dak ta' appell izda kien dak ravvizzat taht l-Art. 235 tal-Kap. 12 li jghid meta l-qorti tal-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni taghha wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell *ab omissa decisione.* Izda, kull wahda mill-partijiet tista', fiz-zmien ta' hmistax-il jum minn dakinhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba - u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba;

Stante li l-appellant naqas milli jottempra ruhu ma' din il-procedura, dan is-sub-inciz ghandu jigi skartat;

Ghaldaqstant anki dan l-aggravju ghandu jigi michud;

Illi in vista tas-sentenza tal-ewwel Qorti, huwa manifest li l-appell odjern huwa frivolu u vessatorju maghmul b'abbuz ta' dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra jekk ghandhiex timponi d-*doppie spese*;

**Appell incidentali**

Illi l-esponenti ser tghaddi sabiex tipprezenta l-appell incidentali taghha;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell incidentali huma kif gej:

1. Illi matul il-gbir tal-provi l-ewwel Qorti appuntat perit legali sabiex jigbor il-provi u jirrelata dwar il-kaz odjern;

2. Illi l-perit legali sema', gabar provi u rrelata dwar il-htija tal-firda, il-kura u l-kustodja tal-ulied, il-manteniment u l-access tal-ulied, manteniment ghall-esponenti, il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u d-dekadenza;

3. Illi matul il-gbir tal-provi, irrizulta li l-appellant ghandu pretensjoni ghall-kumpens ghal tkeccija ngusta kontra XYZ Ltd, li mix-xhieda tal-appellant kienet ghadha tirrizulta *sub judice* quddiem it-Tribunal Industrijali;

4. Illi dwar din il-pretensjoni relattiva ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet:-

> Dwar l-azzjoni li l-attur qed jiehu kontra XYZ Limited ghall-kumpens relattiv, tali azzjoni tirreferi ghaz-zmien meta bejn il-partijiet kien hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti. Fl-eventwalita' li l-attur ikollu success f'dik il-kawza u jinghata kumpens, tali kumpens jifforma parti

mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti fiz-zmien li fih l-attur qed jallega li gie mkecci ingustament. Ghalhekk kwalunkwe kumpens li talvolta XYZ Limited tigi kkundannata li thallas ghandu jigi diviz bejn iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom

5. Illi ricentement, wara li nghatat is-sentenza, l-esponenti saret taf li kuntrarjament ghal dak li xehed l-attur din il-kwistjoni giet transatta waqt li l-proceduri ta' separazzjoni kienu ghadhom pendenti quddiem l-ewwel Qorti. Ghaldaqstant id-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti hija bazata fuq xiehda falza tal-appellant hekk kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata minn din il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti iddecidiet dwar il-komunjoni tal-akkwisti u senjatament dwar il-proventi minn kwistjoni li l-attur kellhu mas-socjeta XYZ Ltd u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell incidentali mill-istess sentenza.

Illi l-aggravju tal-esponenti huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:

1. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti senjatament f'dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-attur ghall-kumpens ghal tkeccija ngusta kontra XYZ Ltd hija bbazata fuq dikjarazzjoni falza tal-appellant u ghalhekk ma tirriflettiex il-fatti;

*Sottomissjonijiet dwar l-aggravju*

Illi fis-seduta mizmuma fil-XX XX XX a fol 923, l-appellant in kontro ezami xehed:-

> Naqbel li jien ghandi kaz pendenti kontra XYZ Limited dwar tkeccija ingusta, ossia *constructive dismissal.* Il-Kaz ghadu ghaddej quddiem it-tribunal industrijali. Mistoqsi nghid illikwidajtx il-pretensjoni tieghi f'dak il-kaz, nghid li ma niftakarx ghax il-kaz ilu ghaddej u ilna xi 6 xhur jew aktar ma nidhru l-Qorti. Nimpenja ruhi li nivverifika sas-seduta li jmiss

Illi wara li nghatat is-sentenza mertu ta’ dan l-appell l-esponenti giet akkonoxxenza tal-fatt li fil-XX XX XX, il-kwistjoni pendenti kontra XYZ kienet diga transatta. Minn verbal tal-XX XX XX tal-kaz numru XXX/XX fil-kwistjoni tax-xoghol bejn AP u XYZ Ltd quddien it-Tribunal Industrijali gie mnizzel:-

> Wara korrispondenza elettronika datata XX XX XX, mibghuta mill-Avv. ABC ghar-rikorrenti fejn peress li ntlahaq ftehim bonarju talab li l-kaz jigi kkancellat

Illi harsa lejn id-data ta’ meta xehed l-attur fil-kontro-ezami u d-data tal-verbal tat-Tribunal Industrijali johrog li l-attur xehed falz. Certament li waqt ix-xhieda tieghu huwa kien konsapevoli ta’ dak li kien qieghed jghid fil-kontro-ezami. In fil-kuntest ta’ xhieda falza ta’ min jirreferi ghall-kawza fl-ismijiet “Improved Design Limited *vs* Antoine Grima” deciza fl-4 ta’ Marzu 2004 fejn il-Prim’Awla tal-Qorti Civili spjegat:-

> Bil-kemm ghandu ghalfejn jinghad li b' "falz" wiehed irid hawn jifhem "xi haga li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux semplicement "xi haga li l-parti ma taqbilx maghha" jew li haddiehor jaraha b'mod iehor. Fi kliem iehor, biex jista' jintwera li nghad il-falz taht gurament irid jintwera li xi fatt imieri dak li nghad. Tali fatt irid jirrizulta mill-atti u mhux jissemma biss bhala argument. Li kieku kien hekk, u l-fehma li ma taqbilx kienet tista' titqies bhala "falz", kieku jista' tassew jinghad li ma tezistix kawza mqar wahda fejn ma jinghadx il-falz

Illi fid-dawl ta’ dan l-insenjament kif ukoll tal-fatt li l-esponenti giet a konnoxenza tal-verbal tat-Tribunal Industrijali biss wara l-kawza, ikun ghaqli li jigu prodotti l-provi necessarji quddiem din l-Onorabbli sabiex jigi wkoll stabbilit l-ammont dovut lill-esponenti – li sa llum m’ghandha l-ebda hjiel ta’ x’tip ta’ transazzjoni ntlehqet bejn l-attur u XYZ Ltd;

Illi l-esponenti tifhem li l-funzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti hija wahda ta’ revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma’ provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti izda il-kaz odjern huwa eccezzjoni ghar-regola generali u ghaldaqstant l-esponenti ghandha tinghata l-fakulta li tressaq provi dwar il-kwistjoni pendenti kontra XYZ Ltd sabiex din

l-Onorabbli Qorti tkun f'posizzjoni li tikkwantifika l-ammont dovut lill-esponenti;

Illi bir-rispett kollu meta jitla' professjonista b'warrant li hu wkoll konslu onorarju ta' pajjiz esteru bhalma hu l-attur u jixhed li l-kawza ghadha pendenti, dan ghandhu jigi emmnut. Ghalhekk l-esponenti ma ghamlitx indagni ulterjuri. Huwa surreali li l-attur ma gabx il-verita a konjizzjoni tal-Qorti qabel ma nghatat is-sentenza. Dan l-agir hu deplorevoli u ghandu jigi punit;

Illi ai fini tal-Art. 145 tal-Kap. 12 qed tigi annessa vera kopja tal-verbal tat-Tribunal Industrijali datat il-XX XX XX (Dok. A) filwaqt li a tenur tal-Art. 208(1)(b) u (d) tal-Kap. 12 ser titlob sabiex bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti tigi ffissata seduta sabiex jigu prodotti xhieda sabiex jissostanzjaw l-appell incidentali;

Ghaldaqstant, l-esponenti fil-waqt li taghmel riferenza ghall-atti tal-kawza u ghall-provi prodotti, u fil-waqt li tirriserva minn issa li tressaq dawk il-provi ammissibbli f'dan l-istadju tal-proceduri skont il-ligi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mill-attur, tilqa' l-umli appell incidentali tal-esponenti, tirriforma s-sentenza appellata tal-XX XX XX fl-ismijiet fuq premessi, billi fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, tillikwida favur l-esponenti sehemha mis-somma dovuta minn XYZ Limited hekk kif ser tirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan ghall-motivi hawn sottomessi u mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza tal-XX XX XX, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur;

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: 111, Triq XXX, Qormi
Notifika: 123, Triq XXX, Ta' Xbiex